# TAGĦRIF FUQ ĦAJJET MAESTRO CARDENIO BOTTI KOMPOŻITUR TA' L-"INNO SLIEMA"



**Minn P. Raniero Zammit OFMCap.**

Il-Banda Ċittadina "SLIEMA" hija bir-raġun kburija bl-Innu tagħha billi huwa biċċa xogħol mill-aqwa li ħarġet mill-ġenju mużikali tal-Kommendatur Mro. Cardenio Botti, magħruf biżżejjed f'artna u lil hinn minnha. Huwa baqa' magħruf fostna wkoll billi mexxa b'ħila l-Banda tal-"Filarmonica Nazionale La Valette" għal ħafna snin, rebbaħha l-Ewwel Premju fil-Konkors Internazzjonali tal-Baned f'Como fl-1927 u ħalla warajh repertorju kotran ta' mużika Orkestrali, Sinfoniji, Marċi u, fuq kollox, l-Innu "Noi Siam de La Valette" għall-istess Banda.

Mro. Botti kien Direttur, Kompożitur, Impreżarju tat-Teatru Rjal u tella' u dderieġa bosti Opri Liriċi f'Malta, fl-Italja, fl-Irlanda u bnadi oħra. Huwa temm b'suċċess l-istudji mużikali tiegħu fil-"Conservatorio Santa Cecilia" ta' Ruma. Wara li ġie Malta huwa żżewweġ xbejba Maltija, Anna neè Bartolo, li mietet ftit xhur ilu f'Ruma, nhar it-12 ta' Diċembru 1993, fejn sarilha l-funeral u ndifnet jumejn wara, fl-14 ta' l-istess xahar. (Ara "The Times", 16 ta' Diċembru 1993, fl-"Obituaries", p.31). Kellhom binthom imwielda Malta wkoll li żżewġet lil Michael Kissaun, Spettur tal-Pulizija ta' Malta.

Kemm dam Malta, Mro. Botti kien għall-ewwel jidderieġi l-Opri u Kunċerti Liriċi li jsiru kull staġun fit-Teatru Rjal. Imbagħad wara sar ukoll General Manager ta' l-istess Teatru, minbarra li kellu f'idejh id-Direzzjoni tal-Banda La Valette. F'Ruma huwa dderieġa kemm-il darba, Kunċerti mill-Orkestra Sta. Cecilia fil-famuża Sala Augustea. Aktar tard ġie maħtur Direttur tat-"Teatro Massimo" f'Palermo u wara, wkoll ta' dak "Carlo Felice" f'Genova. Bosta drabi kien magħżul



**Cardenio Botti fl-1923 ...**



**... u fl-1935.**

fost il-Ġurija ta' Konkorsi dwar Kantanti u Kompożituri, waqt li sikwit kien jiġi mitlub jorganizza "Festivals", li ħafna drabi kien imexxi hu stess il-mużika tagħhom, fi bliet kbar fl-Ewropa.

Minkejja l-ħila mużikali tiegħu, Mro. Botti ma naqasx li jkollu r-rivali tiegħu bħalma jiġri dejjem. Inċident interessanti, u fl-istess ħin ħelu, kien meta ġie mħarrek u ttella' l-Qorti mill-Pulizija għax għamel "Mossi indeċenti". Fis-snin Tletini-jiet, kien hawn rivalità u pika qawwija fost iż-żewġ Baned ewlenin tal-Belt Valletta. Billi l-Baned kienu kważi l-isfog waħdieni għall-poplu tagħna, in-nies kienu mxaqilbin lejn waħda jew l-oħra, bħalma hija l-istorja tal-Baned fi bliet u rħula oħra tagħna.

L-inċident ġara fil-15 ta' Lulju, lejlet il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Għal xi l-10 a.m., il-Banda La Valette kienet għaddejja ddoqq marċi fi Triq l-Arċisqof, kantuniera ma' Triq Irjali (illum Triq ir-Repubblika), fil-Belt Valletta. Hawnhekk xi ħadd għajjat "Ir-Rebħa ta' Como" waqt li ntefgħu karti stampati bir-riżultat tal-Konkors ta' Como lejn il-partitarji tal-Banda "King's Own". Dawn kienu miġburin qrib l-istabbiliment tal-barbier Mazzitelli (illum spiċċa) u dak tal-Librar Aquilina. Il-Partitarji tal-"King's Own" infexxew jgħajjtu "bi" u "49" waqt li b'inkejja bdew jagħmlu l-qrun b'subgħajhom u għemil ieħor "indeċenti" u fl-istess ħin jagħmlu s-salut tal-Faxxisti. Min-naħa tagħhom, il-Partitarji ta' La Valette ukoll bdew jirrispondu b'għajjat u għemejjel "indeċenti"

oħra. Mro. Botti dak il-ħin inzerta qiegħed wara l-Banda u biex jevita l-inkwiet ordna lill-Bandisti jimxu 'l quddiem. Imbagħad ġie mtella' fuq l-ispallejn ta' tnejn min-nies waqt li ta s-sinjal biex idoqqu l-Innu tiegħu "La Valette". Hawn hu beda jidderieġi l-Banda b'idejh it-tnejn f'forma ta' qrun lejn dawk tal-"King's Own". Dawn mill-ġdid bdew jgħajjtu iktar minn qabel. Indaħlet il-Pulizija li ħarrket lil Mro. Botti, u wara, tellgħetu l-Qorti akkużat li kien kawża ta' ksur ta' l-ordni pubbliku u l-paċi. Huwa nstab ħati mill-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja fil-5 ta' Novembru 1928 u ngħata s-sentenza ta' "Trażżin u Twissija" (i.e. "Reprensione ed Ammonizione").

Mro. Botti appella mis-sentenza. Din inqagħtet fl-1 ta' Diċembru 1928. Huwa rebaħ l-Appell u għalhekk ġie meħlus minn kull ħtija billi l-Qorti irrevokat l-ewwel sentenza. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, wara li rat u fliet iċ-ċirkostanzi kollha talkas, qalet, fost l-oħrajn, li jinħtieġ li ssir distinzjoni bejn "għemil indeċenti minn għemil vulgari biss. Li wieħed jagħmel il-qrun b'idejh, fiċ-ċirkustanzi msemmija, ma kienx kontravenzjoni skond il-paragrafu 29 ta' l-Artiklu 339 tal-Liġi Kriminali". Nistgħu naħsbu li wara dan, lil Mro. Botti sarulu dimostrazzjonijiet kbar. *(Ara: Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qorti Superjuri Vol.XXVIIG, 1928–1930, miġbura mis-Sur Anthony Mifsud Tommasi, B.Educ., L.P., Kmandant ta' l-Akkademja tal-Pulizija, Sant Jiermu).*

Mro. Botti baqa' hawn Malta sa' l-1935. Dak iż-żmien kien hawn ferment politiku qawwi minħabba l-qagħda mwiegħra fix-xena internazzjonali, l-aktar bejn l-Ingilterra u l-Italja wara l-ħtif ta' l-Abbisinja minn Mussolini. Kien diġà qiegħed jinġabar is-sħab ikrah tal-gwerra li mbagħad faqqgħet erba' snin wara. F'Malta, is-sitwazzjoni żiedet tifred il-poplu f'żewġ kampijiet: il-Pro Imperjalisti u l-Pro Faxxisti. Il-Gvern Imperjali, flimkien mal-Pulizija, kienu b'seba' għajnejn fuq it-Taljani residenti f'Malta u l-attivitajiet tagħhom kollha. Uħud kienu biss suspettati, waqt li oħrajn ġie ppruvat li għamlu xi ħaġa kontra





**2 ta' Marzu 1935: Ritratt storiku meħud meta Membri Maltin tal-Kor u ta' l-Orkestra tat-Teatru Rjal ħadu sehem f'rappreżentazzjoni ta' Opra Lirika fit-Teatru Muniċipali ta' Tuneż, taħt it-tmexxija ta' Mro. C. Botti. Jidhru, fost oħrajn, (1) Mro. Parisi, (2) Joseph Satariano (Baritono), (3) Mro. C. Botti (Artistic Manager), (4) Jos. Farrugia (Impressario), (5) Mro. Jos. Camilleri, (6) Mr. Aquilina (Fagotto), (7) Mr. Miceli (Alf. Miceli Grand Father), (8) Mr. Fong (Violin), (9) Prof. Valente (Violin), (10) Mr. Gav. Camilleri (Mro. J. Camilleri Uncle), (11) George Cammenzuli, (12) Mr. Arthur Azzopardi, (13) Paul Galdes, (14) Fredu ħu Sila, (15) Michael Zammit, (16) Everisto Azzoppardi (Violin).**

l-interessi ta' l-Imperu Ingliż. Mro. Botti kien ma' ta' l-ewwel, u flimkien ma' oħrajn ġew deportati minn Malta nhar it-30 ta' Settembru 1935.

Iż-żmien, f'ħajjet Alla, biddel dan kollu. Illum iż-żewġ Baned tal-Belt Kapitali tagħna mhux biss jikkollaboraw f'ħafna attivitajiet li jsiru flimkien, imma huma wkoll ta' eżempju għal ħaddieħor, billi teżisti bejn il-Kumitati u Partitarji ħbiberija reċiproka sinċiera. Nifirħulhom!

**OBITUARY**
BOTTI. On December 12, ANNA, *née* Bartolo, widow of Maestro Cardenio Botti. She leaves to mourn her loss many relatives and friends in Malta and abroad – R.I.P.
The funeral took place in Rome on December 14.

**'Cutting' minn "The Times" ta' nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 1993 tħabbar il-mewt ta' l-armla ta' Mro. Cardenio Botti.**

Aħna lil Mro. Botti nibqgħu nafuhulu għall-wirt kbir ta' mużika millaqwa li ħallielna f'pajjiżna u b'mod speċjali għall-melodija klassika ta' l-"INNO SLIEMA", ġieħ u għożża tas-Soċjetà Filarmonika SLIEMA. Jien kburi li flimkien ma' oħti ta' qabli, u xi sittin tfal oħra tamparna, kantajnieh għall-ewwel darba fil-jiem tal-Festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor fl-1933, quddiem folla immensa tal-ġenituri tagħna u partitarji li mlew it-triq tal-Knisja u z-zuntier (li dak iż-żmien kien iddoppju tallum) u li dderiġiena Mro. Botti nnifsu. Il-versi bit-Taljan inkitbu mill-magħruf poeta, il-Prof. Luigi Billion, xejn inqas kapaċi minn Botti, li mbagħad wara l-aħħar gwerra inqalbu għal Malti mill-mibki Dun Frans Camilleri. Is-Soċjetà Filarmonika SLIEMA issellmilhom it-tlieta li huma għal dan l-Innu grandjuż.